## LI KIEKU ! ! !

*Ta'* C. Cassar

Li kelli bi ġwinħajn il-fantażija
Intir 'il fuq, 'il fuq, 'il fuq,
Ogħla mis-sħab, nisboq ix-xemx qawwija
Fejn qatt l-ebda maħluq
Jirfes ma seta';
U f'dak il-beraħ wiesa',
Fejn tħoss in-nifs jinqata',
Nilħaq l-eluf ta' kwiekeb bajdanija
Li jiddu filgħaxija
Iżejnu s-sema u jżidulu d-dija,
U kont lejn waħda minnhom
Ferħan u hieni,
Nasal ħafif bħal berqa
U kollha ħerqa
Tagħtini s-sliem donnha qed tistennieni
Għidli ħabib:
X'qatt kont insib?

Flok id-dija ħiemda, fiddiena,
Li r-ruħ isserraħ mit-tiġrib imnikkta
Tferraħ il-qalb fis-sikta
Troddilha s-saħħa, fiha żżid qlubija
Meta tisfa' marradija......

Kont niġi wiċċ imb'wiċċ
Ma' infern ta' ħġejjeġ, ilsna ta' nirien
Imkebbsa ma' tulek, ja żmien,
Jaħarqu, ixawtu, jeqirdu
Bis-sħana tikwi tagħhom
Lil kull min jersaq magħhom,
U mwerwer iġegħiluh jitbiegħed
Donnu jilmaħ fihom
Tmiem il-ħolqien
U l-qawma mill-imwiet
Ta' dawk l-erwieħ resqin lejn it-telfien.

Imbagħad kont naħseb jien
Li kull ma joħloq Poeta
Mhuwiex ħlief ħolma li jiċħadha ż-żmien.



## ID-DISA' SINFONIJA TA' BEETHOVEN

*Ta'* Karmenu Mallia

X'mewġa ta' ferħ
Inħossu f'qalbna tfawwar
Kif jinżlu ġo widnejna n-noti ħelwa
Li int sawwart,
Agħma,
Fl-aħħar jiem imdejqa,
U għannejt fid-dmugħ ta' qalbek.

X'żiffa ta' mħabba,
X'għaqda sħiħa u bnina,
X'għatx li nittajru tnissel ġo xewqitna
Bin-noti tiegħek
Qisek, bil-għaqal, sraqthom
Mill-fomm għasli ta' l-Anġli.

X'ilsien ta' ħlewwa!
Min tahulek, tkellem?
Imbierek għal elf darba Min tahulek!
Kif nistaħjew
Nitbandlu bħal ġo ħolma
Li ħadd ma jista' jfisser.

Mhux tassew, għidli,
Li lsien did-dinja tiegħek,
Insiġtu, irqomtu,
B'dil-ħlewwa, biex thennina?
Il-Hajja hi xbieha ta' dis-Sinfonja
L'int ħlaqt imnebbah.